**Diskors tas-Sindku Noel Formosa f'egħluq il-missjoni ta' Dun Daniel Xerri bħala Kappillan ta' San Lawrenz**

---

Qatt ma kont naħseb li wara biss tlett snin kelli nerġa ngħamillek diskors li permezz tiegħu din id-darba qed insellmulek u flimkien inroddu ħajr lill Alla għal dak kollu li għamel magħna permezz tiegħek.

Għażiż Kappillan , matul dawn it-tlett snin int verament tajtna dak li wegħdtna. Tajtna lil Kristu. Ta dan aħna ngħidulek Grazzi. Kristu li llum nistgħu ngħidu li verament li iċ-ċentru tal-kommunita' tagħna. Kommunita' li grazzi għat-tagħlim tiegħek għarfet aktar tgħix il-vokazzjoni nisranija tagħha.

Tlett snin huma qosra ħafna f'għajnejn il-bniedem imma għal Alla huma biżżejjed sabiex dak li jrid iwassal, iwasslu. Inti ħawwilt, il-kommunita' tagħna laqgħet dak li ridt twasslilna int, issa nitolbu 'l Alla sabiex ikompli jindokra permezz tar-ragħaj il-ġdid Dun Injazu Borg (li aħna nilgqgħu b'idejna miftuħa), dak li ġie miżrugħ.

Il-wirt tiegħek huwa wirt sinjur ħafna. Biżżejjed insemmi il-gruppi tal-lectio divina, iċ-ċentru tal-vokazzjonijiet u l-kappella ta' l-ewkaristija. Dawn huma teżori kbar li rridu nkunu aħna issa li nħarsuhom.

Kappillan fil-ftit żmien li għamilt magħna inti dħalt f'qalbna u jien naf żgur li aħna wkoll dħalna f'qalbek. Il-firda hija iebsa vera, pero int għallimtna biex nieħdu kollox minn idejn Alla, minn idejn il-providenza. Kuntenti ħafna b'dak li twettaq matul dawn is-snin, kuntenti u nħossuna kburin li inti kont il-kappillan tagħna u kuntenti wkoll li l-missjoni l-ġdida tiegħek hija fis-seminarju. Kien kumment komuni tagħna llkoll li għedna li l-isqof ma setax jagħmel għażla aħjar milli għamel.

Ibqa żgur li int ser tkun moħħna, f'qalbna u fit-talb tagħna. Fil-bidu tal-parrokat tiegħek jien fid-diskors tiegħi kont għedtlek qed nistħajjel lill San Lawrenz qed jgħidlek "mur u wettaq lill din il-parroċċa bit-tagħlim tal-vanġelu, bl-imħabba lejn Kristu u bl-imħabba ta' l-aħwa" naħseb li din l-ordni inti wettaqta u wettaqta tajjeb ħafna. Illum nistħajjel lill San Lawrenz qed jgħidlek wara li wettaqt il-kommunita' li ġġib ismi, issa mur wettaq fl-istess valuri lill dawk li jridu jwasslu lill Kristu, l-vanġelu u l-imħabba ta' l-aħwa.

Ma jistax ikun li qabel nieqaf ma nirringrazzjakx ukoll li komplet tagħmel minna parroċċa aktar Lawrenzjana, int għallimtna nħobbu aktar lill San Lawrenz għaliex dejjem għalimtna li San Lawrenz jrid jwassalna għand Kristu. Komplet tgħallimna wkoll is-sinjifikat vera ta xi jfisser li nżejnu t-tempju tagħna u li għandna nżejnu lill dan it-tempju u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-parroċċa b'imhabba ġenwina għaliex nemmnu li Alla jixraqlu l-aħjar, kif għamilna permezz tal-pittura, it-tabernaklu tal-fidda, r-restawr tad-dar tad-dutrina, tad-dar parrokkjali u oħrajn.

Għażiż Kappillan grazzi mill-ġdid, grazzi ta' kollox, ismek u r-ritratt tiegħek mhux ser ikun biss fis-sagristija tal-knisja imma f'qalbna. Nafdaw lill Mulej it-tbatija li għaddejna minna u wkoll il-ferħ tagħna li l-Mulej għażlek għalih din id-darba biex tindukralu dawk l-aktar li huma għall qalbU. Il-kliem tiegħi huwa fqir wisq biex nesprimi x'qed inħoss jien u din il-kommunita' għażiża tagħna. B'fidi kbira u b' lealta lejn il-Knisja f' Għawdex ngħidulek, mur Kappillan, mur tibzax, mur bil-kwiet, il-

missjoni tiegħek magħna għamiltha u għamiltha sewwa ħafna, kompli żomm il-ħatar f'idejk u xhid il-qorq f'riġlejk, ilkoll kemm aħna b'kuragg inpoġġu idejna fuq moħriet mingħajr ma nħarsu lura. Il-Mulej qed isejħilna għal missjoni ġdida ejjew ngħidulu b'kuraġġ **"hawn jien gej"**

Noel Formosa
Sindku San Lawrenz
19 ta' Settembru 2007